MALTA

QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 11/2007/1

Anthony Grech

v.

Claire Calleja, u b'digriet moghti fl-20 ta' April 2007, giet ordnata l-kjamata in kawza tal-Avukat Generali tar-Repubblika

Il-Qorti:

Preliminari

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 2007. Din is-sentenza nghatat wara referenza li saret lil dik il-Qorti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Gudikatur: l-Avukat Dott. Peter Borg Costanzi). Il-fatti huma, brevement hekk: Anthony Grech talab li Claire Calleja tigi kkundannatha thallsu Lm404.70 in linea ta' danni minnu sofferti minhabba kollizjoni bejn zewg vetturi. Wara diversi seduti quddiem dak it-Tribunal li fih ma sar xejn ghax Claire Calleja ma kienitx notifikata, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 it-Tribunal ikkonstata li kien hemm kontestazzjoni u halla l-kawza ghall-provi tal-partijiet ghat-18 ta' Jannar 2007. F'din id-data xehed Anthony Grech u l-kawza thalliet "ghall-provi kollha tal-partijiet u finali trattazzjoni" ghat-8 ta' Frar 2007. Fit-8 ta' Frar 2007 id-difensuri tal-partijiet qablu li ghandha l-ewwel tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata minn Calleja, u cioe` l-eccezzjoni li l-azzjoni kienet irrita u nulla ghax "skond l-Avvizi Legali 420/2004 u 421/2004 kwistjonijiet u talbiet rigwardanti vetturi ghandhom jinstemghu quddiem ic-Centru dwar l-Arbitragg" u li ghalhekk it-Tribunal ma kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni ta' talba bhal dik li kellu quddiemu[1]. Fl-14 ta' Frar 2007 it-Tribunal ta d-decizjoni tieghu fuq din il-kwistjoni. F'din id-decizjoni, flok ma t-Tribunal illimita ruhu ghall-vertenza li kellu quddiemu, ra kif dahal *sua sponte* fi "kwistjoni kostituzzjonali" – li ma jirrizultax li tqajmet mill-partijiet – ta' jekk l-arbitragg mandatorju jikkostitwix "rimedju sufficjenti sabiex jigi sodisfatt il-vot ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319". Ghalhekk it-tribunal, dejjem *sua sponte*, irrefera "l-vertenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi deciz jekk, fid-dawl ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 [recte: l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea]…l-Avviz Legali 279/2005, fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal taht il-Kap. 380, hux rimedju kostituzzjonalment accettabbli u jekk hux validu u jorbotx ukoll lil dan it-Tribunal."

Is-sentenza tal-Prim Awla

[1] Ara r-risposta ta' Calleja a fol. 17 tal-atti tat-Tribunal. Il-verbal tat-8 ta' Frar 2007 (fol. 27 tal-atti tat-Tribunal) jghid testwalment "Il-partijiet qablu li tista' tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza *rationae materiae*."

2. Quddiem il-Prim Awla, giet ordnata mill-istess Qorti l-kjamata in kawza ta’ l-Avukat Generali, pass dan li kien proceduralment korrett ghal ragunijiet ovvji. Fir-risposta tieghu (ara fol. 13 tal-atti tal-Prim Awla), l-Avukat Generali wara li, korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, osserva li r-referenza kostituzzjonali maghmula mit-Tribunal kienet ghal kollox neboluza, eccepixxa preliminarjament li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kienx “qorti” ghall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni[2] u li ghalhekk il-Prim Awla ma kellhiex kompetenza “li tikkonsidra t-talba mressqa quddiemha”. Inghataw eccezzjonijiet ohra mill-Avukat Generali li pero`, kif ser naraw, ma hemmx ghalfejn li jigu riprodotti.

3. Fl-udjenza tal-25 ta’ Mejju 2007 il-Prim Awla, wara li tat il-fakolta` lil Claire Calleja biex tippresenta nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto ta’ l-avukati taz-zewg kontro-parti, halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-19 ta’ Ottubru 2007. Effettivament ebda parti ma ppresentat xi nota, u l-ewwel qorti ghaddiet ghas-sentenza.

4. Fis-sentenza taghha, li qed tigi issa appellata, il-Prim Awla ddisponiet mill-eccezzjoni preliminari aktar ‘l fuq imsemmija <u>wara</u> li kienet diga` ezaminat il-meritu tar-referenza, u dan billi qalet, kwazi fl-ahhar tas-sentenza, hekk:
“B`riferenza ghall-eccezzjoni li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jistax jaghmel referenza kostituzzjonali, din il-Qorti tara li biex wiehed jara jekk awtorita` hijiex *“Qorti”* jew le, ghandu jhares mhux lejn l-isem ta` dik l-awtorita`, izda lejn il-funzjoni ta’ dik l-awtorita`. Gia gie deciz minn din il-Qorti li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu funzjoni gudizzjari u jaghti garanziji xierqa ghal smiegh gust fid-determinazzjoni ta` kwistjonijiet ta` natura civili (ara <u>“Brincat vs Avukat Generali et”,</u> deciza fl-10 ta` Jannar, 2003). Intqal ukoll li ghalkemm dan it-Tribunal ghandu jimxi skond il-gustizzja u l-ekwita`, ma jistax jinjora l-ligi, u ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni

[2] Ghalkemm fl-imsemmija risposta ma hemmx referenza ghall-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, huwa evidenti li dak li jinghad fil-kuntest ta’ l-Art. 46(3) in kwantu jekk it-Tribunal hux “qorti”o meno japplika wkoll ghall-imsemmi Art. 4(3).

tal-ligi ghall-meritu (ara “Portelli vs Buttigieg”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta` Lulju, 2006). Dan it-Tribunal ghandu funzjoni li jiddetermina kwistjonijiet ta’ natura civili, huwa mwaqqaf bil-ligi, u huwa presjedut minn gudikatur li ghandu terminu fiss mhux rinovabbli. La darba, ai fini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, gie deciz li dak it-Tribunal huwa *“Qorti”*, marbut b`obbligu li jaghti smiegh xieraq lill-partijiet li jidhru quddiemu, ghandu jitqies *“Qorti”* li ghandu kompetenza jaghmel tali riferenza.”

5. Wara li ghamlet hekk, dik il-Qorti ghaddiet biex tiddikjara hekk:
“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-riferenza billi tiddikjara li l-Avviz 279 tal-2005, fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar taht il-Kap. 380, imur kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), u kwindi m`huwiex vinkolanti u ma jorbotx lill-imsemmi Tribunal.

“Il-Qorti tordna li kopja ta` din id-decizjoni tintbaghat lill-ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex din tirregola ruhha skond il-ligi.

“L-ispejjez ta` din id-decizjoni jithallsu mill-kjamat fil-kawza, l-Avukat Generali tar-Repubblika.

“Tordna li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura lit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar sabiex din tkompli tisma` u tiddetermina l-kaz skond il-ligi.”

L-Appell ta’ l-Avukat Generali

6. L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza b’rikors datat 30 ta’ Ottubru 2007. L-ewwel aggravju tieghu hu migjub f’dawn it-termini:

“Il-bazi kollha tad-decizjoni u cioe` ir-referenza tal-kwistjoni Kostituzzjonali u taht il-Konvenzjoni Ewropea [recte: taht il-Kap. 319] maghmula mit-

Tribunal ghal Talbiet Zghar hija irritwali u ggib in-nullita` tas-sentenza appellata stante illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar huwa obbligat biss li japplika l-ligi u ma ghandux il-mansjoni li jaghmel referenzi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea."

L-appellant jirreferi ghal diversi kawzi fosthom dawk ta' din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuel Vella** (28/06/1983) u **Kummissarju ta' l-Artijiet v. Ignatius Licari noe** (30/06/2004).

__**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**__

7. Din il-Qorti tara li l-appellant ghandu ragun dwar din l-eccezzjoni. Dan il-punt kien diga` gie deciz minn din il-Qorti, kif illum komposta, fit-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza li ghaliha rrefera l-appellant u cioe` **Kummissarju ta' l-Artijiet v. Ignatius Licari noe.** F'dik is-sentenza inghad hekk:
"Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza appellata, hemm zewg interpretazzjonijiet li jistghu jinghataw lill-kelma "qorti" – wahda li tillimita din il-kelma ghal dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura gudizzjarja __ordinarja__ (u li huma dejjem presjeduti minn Imhallef jew minn Magistrat), u ohra li testendi din il-kelma ghal kull organu (li jista' jissejjah anke "tribunal", "bord", "kummissjoni", "panel" ecc.) li ghandu certa funzjoni aggudikanti simili ghal dik ta' organu li jissejjeh "qorti" u li jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja kif inghad. Pero` wiehed __ma jistax jargumenta__ li, ghax tali organu ghandu l-istess funzjoni, jew funzjoni simili ghal dik, ta' "qorti" allura dak l-organu __hu__ "qorti" __ghall-fini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319__. Wiehed irid jiddistingwi jekk il-kwistjoni li tkun qed tigi diskussa hix jekk tali organu hux "imparzjali w indipendenti" u/jew jekk jissodisfax ir-rekwiziti sostantivi ta' xi wiehed jew aktar mill-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li jiggarantixxu xi dritt partikolari, jew jekk il-kwistjoni hix prettament wahda __procedurali__ biex jigi determinat jekk, ghall-finijiet ta' disposizzjoni partikolari – Art. 46(3) – dak l-

organu hux "qorti" fis-sens tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 47. Din il-Qorti ezaminat is-sentenzi kollha msemmija fis-sentenza appellata u, hlief ghal ***Il-Pulizija v. Emanuel Vella*** [3] u ***Kummissarju ta' l-Art v. Violet Briffa et*** [4], ebda wahda minnhom ma tindirizza l-punt procedurali tat-tifsira ta' "qorti" ghall-finijiet tal-Artikolu 46(3) izda jitrattaw kollha dwar jekk l-organu li dwaru kien hemm l-ilment kienx wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' xi wiehed jew aktar mid-disposizzjonijiet sostantivi li jipprotegu dritt fondamentali (taht il-Kostitizzjoni jew taht il-Konvenzjoni). Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din mhix kwistjoni ta' "pratticita`" in konfront ma' *"…l-intralc zejjed precipitat minn interpretazzjonijiet rigidi u stretti ta' l-ittra preciza tal-ligi u formalitajiet procedurali esasperanti."* Hawn qeghdin fil-kamp tal-procedura fejn m'ghandux ikun hemm lok ta' interpretazzjonijiet innovattivi li jiddipartixxu mill-kliem car tal-ligi, ghax altrimenti mhux biss tinholoq l-incertezza ghall-partijiet, izda wkoll facilment tista` tinbet l-arbitrarjeta` f'idejn l-organi gudizzjarji.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kwistjoni hi, fil-verita`, wahda semplici. Ghalkemm fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni l-legislatur juza il-kliem "qorti", "tribunal" u "awtorita` gudikanti" (ez. Artikoli 34(1)(c)(d), 37(1)(b), 39(1)(2)), hu evidenti li dawn il-kliem ma ghandhomx l-istess tifsira. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mill-Artikolu 39. Hekk, filwaqt li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' akkuza ta' reati kriminali persuna ghandha tigi processata minn "qorti" – subartikolu (1) – meta si tratta ta' decizjoni "dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili" l-organu (li xorta wahda jrid ikun indipendenti w imparzjali) jista' jkun jew "qorti" jew "awtorita` ohra gudikanti" – subartikolu (2). Kif gie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Emanuel Vella*** (aktar 'l fuq imsemmija):

""Tohrog wahedha l-konkluzjoni, ghalhekk, li skond il-Kostituzzjoni t-termini "qorti" u "tribunal" jew "awtorita` ohra gudikanti" m'humiex ekwipollenti u

[3] Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Gunju, 1983.
[4] Prim Awla, 19 ta' Gunju, 2003.

ma jintuzawx indiskriminatament wiehed ghall-iehor. Meta trid tfisser "tribunal" jew "awtorita` ohra gudikanti", il-Kostituzzjoni tghidu, u ghalhekk meta tuza t-terminu "qorti" wahdu ma nistghux nestendu s-sinjifikat ta' din il-kelma anke ghal dak li mhux qieghed jigi nkluz u li meta riedet tinkludih il-Kostituzzjoni inkludietu…Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 48(1)[5] tghid ukoll li ghall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Kapitolu IV, li jirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu…il-kelma "qorti" tfisser kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skond ligi dixxiplinarja, u fl-artikoli 34 u 36[6] tal-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra ligi dixxiplinarja, qorti hekk imwaqqfa. Din id-definizzjoni turi bic-car li min ghamel il-Kostituzzjoni, wara li, kif gia` spjegat, iddistingwa bejn "qorti" u "tribunal" u "awtorita` ohra gudikanti", kompla jaghmel din id-distinzjoni meta ddefinixxa l-kelma "qorti" billi ma nkludiex fiha la tribunal u l-anqas awtorita` ohra gudikanti, kif kien wisq naturali jaghmel kieku ried jaghti lill-kelma "qorti" sinjifikat estensiv b'mod li tinkludi wkoll "tribunal" jew "awtorita` ohra gudikanti". Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-kelma "qorti" tinkludi kull forma ta' tribunal jew post fejn il-gustizzja tigi amministrata.

"Din il-Qorti, kif illum komposta, taqbel perfettament ma' din is-silta mis-sentenza ta' ***Emanuel Vella***. Din il-Qorti zzid tosserva a propositu li hu evidenti li meta, fid-definizzjoni ta' "qorti" moghtija fl-Artikolu 47(1) il-legislatur jirreferi ghal "qorti mwaqqfa bi jew skond ligi dixxiplinari" kien qed jirreferi ghall-qrati marzjali, b'mod ghalhekk li tali qorti tista' – jew ahjar kienet tista' – tikkundanna lil xi hadd ghall-mewt minhabba li jkun ikkommetta reat kontra l-ligi dixxiplinarja applikabbli (Art. 33(1)), kif ukoll tista' tikkundanna lil dak li jkun ghal xoghol furzat (Art. 33(2)(a)(b)). Qorti marzjali, izda, xorta wahda ma tistax taghmel referenza fir-termini tal-Artikolu 46(3) proprju

[5] Illum 47(1).
[6] Illum 33 u 35.

ghax l-estensjoni tal-kelma “qorti” biex tinkludi “qorti marzjali” hi limitata ghall-Artikoli 33 u 35.

“Issegwi, ghalhekk, il-mistoqsija: liema organi jammontaw ghal “qrati” (eccetwati l-qrati marzjali) fis-sens tad-definizzjoni kontenuta fl-Artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni? Ir-risposta nghatat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza ta’ ***Emmanuel Vella***:

““Minn ezami ta’ din it-Taqsima [Kapitolu VIII – Il-Gudizzjarju] jidher li l-Kostituzzjoni qieghda tikkontempla zewg xorta ta’ Qrati – il-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri. Din id-distinzjoni maghmula mill-Kostituzzjoni taqbel mad-distinzjoni li kienet giet introdotta ghall-ewwel darba fil-bidu ta’ l-okkupazzjoni Ingliza f’Malta mill-ewwel Gvernatur Ingliz Sir Thomas Maitland, u tinsab fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili kif ukoll fil-Kodici Kriminali. L-istess Taqsima, imbghad, tirriferixxi ghall-Imhallfin tal-Qrati Superjuri u tiddisponi dwar il-hatra u t-tizmim tal-kariga taghhom. It-taqsima tirriferixxi imbaghad ghall-Magistrati tal-Qrati Inferjuri u tiddisponi dwar il-hatra taghhom u tapplika ghalihom id-disposizzjonijiet rigwardanti t-tizmim tal-kariga ta’ Mhallef. Jidher car mill-kumpless tad-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima li minn ghamel il-Kostituzzjoni bil-kelma “Qorti” ried jifhem biss “Qorti Superjuri” jew “Qorti Inferjuri”…

“Din il-Qorti ma tara li ghandha b’ebda mod tiddipartixxi minn dan l-insenjament. L-organi gudizzjarji ordinarji huma dawk li jikkwalifikaw bhala jew Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri fit-termini tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u huwa ghal dawn il-“qrati” li l-legislatur qed jirreferi fl-Artikoli 46(3) u 47(1) tal-Kostituzzjoni (eccettwati dejjem il-qrati marzjali limitatament ghall-Artikoli 33 u 35). Din id-differenza bejn l-dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja u dawk l-organi l-ohra li, ghalkemm jamministraw il-gustizzja (u jistghu anke jissejhu “qrati”), ma jiffurmawx hekk parti giet senjalata minn din il-Qorti, ukoll diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-3 ta’ Dicembru, 1997 fl-ismijiet

Cecil Pace et v. Onorevoli Prim Ministru et fejn inghad hekk:

““Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni, “awtorita` gudikanti” imwaqqfa b’ligi biex ikun jista’ jikkwalifika bhala tali jehtieg li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b’funzjoni gudizzjarja bil-fakolta` li jiddetermina u jiddeciedi materji li skond dik il-ligi jaqghu fil-kompetenza tieghu. Hu korp li jehtieg li *jipprocedi* skond ir-regoli precizi u ben stabbiliti fil-ligi li tikkostitwih u li *jiddecidi* skond dawk ir-regoli. Ghandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni u d-decizjoni tieghu jehtieg allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neccessarjament b’mod finali. Mill-banda l-ohra dan il-korp mhux bilfors – kif ga accennat – ghandu jkun jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja pero` jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju li jkunu jiggarantixxu s-smigh xieraq fosthom dak il-minimu ta’ indipendenza u imparzjalita` essenzjali biex juru li mhux biss il-gustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li jkun qed isir. (sottolinear ta’ din il-Qorti).

“Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tafferma li il-qrati li l-legislatur qed jirreferi ghalihom fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm tal-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-disposizzjonijiet l-ohra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li gie mehud testwalment mill-Kostutuzzjoni, huma, fil-kamp civili, il-Qorti Civili, il-Qorti ta’ l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonli[7] kwantu Qrati Superjuri, u il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghal dak li huma l-Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghal dak li huma Qrati Superjuri. Il-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet la jista’ jigi kkunsidrat bhala Qorti

---

[7] Qabel l-emenda introdotta bl-Att XXIV ta’ l-1995 kien hemm ukoll il-Qorti tal-Kummerc.

Superjuri u anqas bhala Qorti Inferjuri f'dan is-sens; u ghalhekk l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma japplikawx ghalih."

8. Dan kollu li nghad hawn fuq japplika wkoll, u anzi b'aktar forza, ghat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u dan ghaliex dan it-Tribunal ma hux presjedut minn membru tal-Gudikatura izda minn avukat li jissejjah "gudikatur". Il-Qorti ezaminat ukoll bir-reqqa kemm il-Kap. 380 kif ukoll ir-regolamenti maghmula bis-sahha ta' dak il-Att – l-Avvizi Legali 145/1995, 252/2000 u 303/2001 – u ma tista' ssib xejn li b'xi mod jista' jwassalha tiddipartixxi mill-insenjament kontenut fl-imsemmija sentenza tal-2004 in kwantu l-istess huwa applikabbli ghat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali ser jintlaqa' u konsegwentement ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra.

<u>Decide</u>

9. Ghall-motivi premessi, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata cioe` dik tad-19 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi, ghar-raguni li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jistax jirreferi "kwistjoni kostituzzjonali" lill-Prim Awla kif effettivament ghamel, u tibghat l-atti ta' dak it-Tribunal lura lilu (flimkien ma kopja tas-sentenza odjerna), biex dak it-Tribunal jiddeciedi l-vertenza jew vertenzi quddiemu skond il-ligi, inkluz l-Artikolu 7 tal-Kap. 380.

U peress li l-Prim Awla kienet ordnat li kopja tas-sentenza taghha tintbaghat lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, tordna li kopja tal-odjerna sentenza wkoll tintbaghat lilu.

L-ispejjez, kemm tal-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------